MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 1004/2006/1

**Fl-atti tar-rikors guramentat numru 1003/06 AF u wara l-mandat ta' sekwestru numru 1586/06 fl-ismijiet:**

**Angelo Spiteri u martu Josephine Spiteri**

**v.**

**Andrew Cilia, Anna Ursula Cilia, Carmelo Cilia u Gerolama Cilia**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Dicembru, 2006, permezz ta’ liema digriet dik il-Qorti cahdet talba (maghmula mis-sekwestrati kollha Cilia) sabiex jigi revokat il-mandat ta’ sekwestru numru 1586/06. Dan il-mandat kien inhareg kontra l-intimati – appellanti odjerni – fis-26 ta’ Ottubru, 2006. Ir-rikors ghar-revoka tal-mandat, maghmul quddiem il-Prim Awla, sar in forza ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 836(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ir-rikors quddiem din il-Qorti – il-Qorti ta’ l-Appell – sar fl-4 ta’ Dicembru, 2006. Permezz ta’ dan ir-rikors, l-intimati Cilia qed jitolbu li din il-Qorti joghgobha “tirrevoka l-provvediment fuq indikat tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta’ Dicembru, 2006, billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati”.

Fir-risposta taghhom tat-18 ta’ Dicembru, 2006, il-kontro-parti (cioe` l-persuni li originarjament talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat imsemmi) eccepew preliminarjament li dana l-appell huwa irritu u null billi “ma hux kkontemplat mill-Kap. 12 li jista’ jsir appell fil-kaz odjern”.

Din il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta’ Frar, 2007 u halliet dana l-appell ghal-lum ghal provvediment dwar din il-pregudizzjali, cioe`, dwar l-appellabbilita` o meno tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti tosserva li dan il-gravam gia` gie diskuss u deciz minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawza “Alexander Grech et v. Mamma Mia Company Limited et”, deciz fil-15 ta’ Frar, 2005. Din il-Qorti, f’dik id-decizjoni, wara studju tal-provvedimenti tal-ligi li japplikaw ghall-materja, kienet iddecidiet li f’kaz ta’ digriet li jichad rikors ghar-revoka ta’ mandat kawtelatorju, “appell u kontestazzjoni” ma jsirx permezz ta’ rikors ta’ appell

direttament lil din il-Qorti, bhalma sar fil-kaz odjern, izda permezz ta' rikors guramentat (gia` citazzjoni) quddiem l-istess Qorti li tat id-digriet, bi dritt ta' appell lil din il-Qorti una volta tinghata sentenza in prim istanza. Din il-Qorti, anke ghall-fini ta' dawn il-proceduri, ghada ta' l-istess fehma, u taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha kif esposti fis-sentenza aktar qabel imsemmija ghall-ahjar intendiment tal-punt deciz.

Fil-fatt, il-Kap. 12 ma jipprovdix la l-mod u lanqas il-procedura ta' kif wiehed jista' jressaq appell minn digriet ta' natura definittiva ta' din ix-xorta, u kien ghalhekk li din il-Qorti irreferiet ghal gurisprudenza anterjuri li kienet ipprovdiet mod ta' kif wiehed jista' jimpunja tali provvedimenti. La darba l-ligi ma rregolatx mod iehor, din il-Qorti jidhrilha li l-linja gurisprudenzjali indikata fid-decizjoni msemmija ghandha tigi segwita.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellati, tiddikjara l-appell irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jithallsu mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------